MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 1015/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**NURE KAMAKAM**

**(ID: 23663A)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **NURE KAMAKAM** ta' 35 sena, imwieled fit-2 ta' Mejju, 1975 Tripoli, bin Khalifa u Figra nee' Ahmed u residenti f'Costa Azzura, Flat no 3, Triq Emanuel Pinto, San Pawl il-Bahar, detenur tal- karta ta' l-identita' bin-numru 23663(A) gie mressaq quddiemha u akkuzat:

1. talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Ottubru 2010 f'xi hin bejn is-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) u l-ghaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) f'San Pawl il-Bahar bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' attentat ta' qtil fuq Said Bouslama billi saq karozza bin-numru tar-registrazzjoni JAC 776 ghal fuq Said Bouslama u ikkagunalu griehi gravi permanenti liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi u kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Said Bouslama skond ma gie ccertifikat minn Dr. Alan Drago MD Reg no 2647 ta' l-isptar Mater Dei.

3. U aktar talli fl-istess jum, hin lok u cirkostanzi saq karozza b'mod traskurat, perikoluz jew negligenti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-istqarrija ta' l-imputat datata 2 ta' Ottubru 2015 esebita a fol. 5 tal-Process u l-fedina penali ta' l-

imputat esebita a fol. 18 immarkata bhala Dok. SP1 u dik ta’ l-allegat vittma esebita u markata bhala Dok FP.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru 2014.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-8 ta’ Ottubru, 2014 (fol. 314) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja. Jinghad minnufih li l-Avukat Generali fil-fatt ma baghatx l-artikoli tar-reat ta’ attentat ta’ omicidju izda akkuza lill-imputat b’reat inqas gravi u cioe’ talli kkaguna ferita ta’ natura gravi fost l-akkuzi l-ohra.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, lill-imputat jixhed minn jeddu u b’mod volontarju u x-xhieda in kontro-ezami.

Ikkunsidrat.

**Spettur Therese Sciberras** xehdet fil-11 ta’ Ottubru, 2010 u spjegat li fl-1 ta’ Ottubru, 2010 ghall-habta tad-disgha ta’ bil-lejl (9:00pm) l-Ghassa tal-Qawra rceviet telefonata fejn kien qed jinghad illi kien hemm argument ghaddej f’Mosta Road, San Pawl il-Bahar. Tghid illi kien hemm bzonn il-Pulizija. Irrizultalha li certu Said Bouslama kellu griehi fuqu li gew maghmula minn certu Nure Kamakam. Tghid ukoll illi Bouslama

kien wasal go din it-triq, ipparkja l-karozza tieghu tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni FBO 502 go Mosta Road. Ipparkjaha fid-direzzjoni lejn San Pawl il-Bahar u kienet ipparkjata wkoll faccata ta' Azzopardi Fisheries.

Skond Bouslama dan kien hareg mill-karozza u kien mar biex jixtri xi affarijiet minn Giormina Bakery li qieghda ftit 'il boghod mill-karozza faccata ta' fejn kienet qieghda pparkjata l-karozza meta f'daqqa wahda skond hu rcieva telefonata minghand persuna li kellu jtih madwar €70. Din il-persuna saqsietu fejn kien u meta qallha li kien qieghed ipparkjat f'Mosta Road gie avvicinat minn certu Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi. Huwa jghid illi waqt illi kien qieghed ikellem lil Ahmed gie xi hadd minn warajh u tah daqqa ta' karozza b'rizultat li hu sofra xi griehi. Irrizulta li din il-karozza kienet Seat Ibiza ta' kulur ahmar li ghandha registration number JAC 776. Kemm Ahmed kif ukoll l-imputat gew mitkellma mill-Pulizija wara li nghataw is-solitu twissija u nghataw ukoll il-fakulta li jkellmu lill-avukat taghhom.

L-imputat u Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi taw verzjonijiet differenti minn dik ta' Bouslama. Tispjega illi Ahmed stqarr li ma kienx ghadu jghix San Pawl il-Bahar ghal xi zmien u li fil-present kien jahdem bhala '*manual worker*'. Dan spjegalha li ftit qabel l-incident kien cempel lil habib tieghu l-imputat li kien sejjer jigbor xi flus minghand habib tieghu li ma kienx Bouslama, kienet persuna ohra pero' Ahmed ma tahiex informazzjoni ta' min kienet din il-persuna. Fil-fatt jghid li kien ipparkja l-karozza u kien sejjer bil-mixi ghax il-karozza tieghu spiccat bla fuel.

Skond hu waqt li kien miexi Bouslama cempillu u staqsieh fejn kien qieghed, jghid illi Ahmed kien jaf lil Bouslama di vista pero' dan ma kienx habib tieghu. Ahmed spjega li hu kien qal lil Bouslama fejn kien allavolja kien jaf li dan kien ser jaqla' t-trouble. Skond Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi, Bouslama attakkah u hareg senter ghal ma' rasu.

Meta ntalab jghati deskrizzjoni ta' dan is-senter jghid illi dan ma kienx twil u kellu kanna qasira. Jghid illi hu kien imwerwer u ma kienx jaf ghala Bouslama kien qieghed jaghmillu hekk. Jghid illi f'dak il-hin kien ghaddej l-imputat bil-karozza u dan mar ikellem lil Bouslama u qallu biex ihalli lil Ahmed bi kwietu. Meta gara hekk Bouslama imbaghad ipponta s-senter lejn l-imputat u qallu biex jitlaq. Imbaghad l-imputat saq ghamel U-Turn u tah daqqa ta' karozza. Jghid illi kemm l-imputat kif ukoll Alouzi stqarru li kien f'dan il-waqt li l-arma li kellu Bouslama f'idejh waqghet ma' l-art u f'dan il-hin kien hemm ragel iehor li kien ma' Bouslama li ha din l-arma u harab biha. Tghid illi waqt li l-Pulzija kienu fuq il-post raw partijiet ta injam li setghu kienu gejjin mis-senter tispjega u tghid li qeghda tirreferi ghal parti tan-naha ta' isfel tas-senter bhala manku.

Il-verzjoni ta' l-imputat kienet kwazi l-istess bhal ta' Alouzi u dawn ukoll qalu t-tnejn li huma ma telqux minn fuq il-post meta gara l-incident, anzi kellmu lill-Pulizija. ghid illi meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu kemm lill-imputat Nure Kamakam kif ukoll lil Ahmed Muhammed Mustapha Aluzi u l-karozzi koncernati li ma kienux tmexxew mill-post.

Tghid illi Bouslama ttiehed l-isptar permezz ta’ Ambulanza fejn hemmhekk kien ic-certifikat minn Dr. Alan Drago *registration number* 2647 li kellu griehi gravi. Tghid illi minhabba dawn il-feriti Bouslama kellu jaghmel xi operazzjonijiet. Tghid illi l-imputat kien gie mitkellem minnha fil-prezenza ta’ Pc 616 wara li nghata s-solita twissija bil-miktub li huwa ghazel li jiffirma. L-imputat ta spjegazzjoni ta kif sehh l-incident. Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kien ukoll gie mitkellem fil-prezenza taghha u fil-prezenza ta’ PC 1586 wara li nghata s-solita twissija, huwa ghazel li jirrilaxxa stqarrija bil-miktub u huwa wkoll ghazel li jiffirma l-istqarrija.

Murija stqarrija li tinsab esebita a fol 5 sa 7 u tikkonferma li din hija l-istqarrija li hija hadet minghand l-imputat Nure Kamakam fil-prezenza ta’ PC 616. Hija kkonfermat din l-istqarrija li ttiehdet wara li nghata s-solitu twissija. Gharfet ukoll l-imputat prezenti fl-Awla bhala l-persuna li rrilaxxa din l-istqarrija, u gharfet il-firma taghha, il-firma ta’ PC 616 u l-firma ta’ Nure Kamakam li huwa l-imputat. Tghid illi huwa r-rilaxxaha b’mod volontarju u tghid ukoll li minhabba dan l-incident gie mitkellem il-Magistrat ta’ l-Ghassa, kien Dr. Silvio Meli fejn min-naha tieghu huwa nnomina diversi esperti fl-inkjesta li saret min-naha tieghu.

Tikkonferma wkoll illi l-imputat gie mressaq il-Qorti taht arrest fit-3 t’Ottubru, 2010 quddiem il-Magistrat ta’ l-Ghassa l-Magistrat Micallef Trigona fejn huwa stqarr li ma kienx hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrih u gie nnegat il-helsien mill-arrest u minn hemmhekk ittiehed fil-facilita’ korrettiva ta’ kordin.

Hija pprezentat ukoll il-fedina penali ta' Nure Kamakam li giet immarkata bhala Dok. **SP1**, kopja tac-certifikat mediku rilaxxat lil Said Bouslama minn Dr. Alan Drago li gie mmarkat bahal Dok. **SP 2** u kopja tar-rapport rigwardanti dan l-incident li ghandu n-numru 9/v/4776/2010 li gie markat bhala Dok. **SP3.**

**Spettur Therese Sciberras** kompliet tixhed fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010. Hija pprezentat vera kopja fotostatika ta' Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta datata 27 ta' Settembru 2005 fl-ismijiet '**il-Pulizija (Spettur Therese Sciberras) vs. Nure Kamakam**' fl-liema kawza tghid li hi kienet l-ufficjal Prosekutur u kkonfermat wkoll li qieghda taghraf l-imputat imsemmi li giet markata bhala dok **SAT1**.

Hija esebiet ukoll sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija mill-allura Magistrat Dr. Jacqueline Padovani nhar l-14 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Geoffrey Azzopardi ) vs. Nure Kamakam**' liema sentenza giet markata bhala dok **SAT 2.**

**Spettur Therese Sciberras** regghet xehdet fis-26 ta' Novembru, 2010 u tghid li b'referenza ghall-okkorrenza li tinsab esebita fl-atti a fol. 24 tal-process din l-okkorrenza ma ttihdietx minnha izda minn PS 586 pero' minn ezami ta' dan ir-rapport jew ahjar minn dak li hemm miktub, jirrizulta li kien hemm persuna li cemplet l-ghassa u ghamlet ir-rapport u allegat li kien hemm persuna armata fi Triq Mosta, San Pawl il-bahar. Il-Pulizija marret fuq il-post biex tinvestiga dan l-allegat rapport li sar u li cioe' kien hemm persuna li kienet ittajret f' Mosta road. Tghid illi hija u

sejra biex tara u tirrispondi ghal dik it-telefonata saru jafu li l-persuna li allegatament kienet armata kienet il-persuna li sussegwentement giet imtajjra. Tghid illi huwa minnu li meta waslu fuq il-post il-Pulizija sabu li verament kien hemm persuna imtajjra u minn fuq il-post gew elevati wkoll tliet (3) bicciet ta' injam li rrizulta li wahda minnhom kienet batt ta' senter. Tghid ukoll illi kienet saret inkjesta biex isiru ezamijiet fuq dawn it-tlett bicciet ta' injam. Tghid li din l-inkjesta giet kondotta mill-Magistrat Silvio Meli. Tghid illi meta marret fuq il-post kienet sabet li l-imputat kellu l-*windscreen* tal-vettura tieghu kollu mkisser. Tghid illi Bouslama kien diga ittiehed l-isptar b'Ambulanza u tghid illi kien hemm diversi dmija ma' l-art.

Tghid illi sabet ukoll lis-sinjur Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi li allega illi Bouslama kien ippuntalu arma lejh. Irrizultalha wkoll illi l-persuna li kienet fil-prezenza ta' Bouslama kienet harbet minn fuq il-post. Tghid li l-arma per se ma nstabitx u allura gie mahsub li jista' jkun li dik il-persuna li harbet hadet l-arma maghha u dan peress li parti mill-arma kienet instabet fuq il-post.

Tghid illi fit-triq kien hemm diversi bicciet ta' injam u ghalhekk dawn setghu jindikaw li verament kien hemm arma u li kienet tkissret meta waqghet mal-art. Tghid illi huma ghamlu tfittxija preliminari biex jaraw jekk isibux l-arma fit-triq. Tghid illi meta kellmet lil Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi u lill- imputat li gharfet prezenti fl-Awla tghid li irrizultalha li kienu l-aktar persuni vicini ta' Bouslama meta sehh l-incident u dawn qalulha li l-persuna ohra li kienet fil-kumpanija ta' Bouslama telaq jigri u hasbu li ha l-arma mieghu.

Tghid li sussegwentement wara li kient gja xehdet fil-Qorti kien ghamel kuntatt maghha l-ispettur Chris Pullicino fejn qallha li kellu informazzjoni li kien hemm xi diver San Pawl il-Bahar li kien sab i xi arma, precizament jekk tiftakar sew kien qallha li sabha vicin l-Amazonia l-Qawra. Tghid illi kienet saret inkjesta mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D dwar l-arma in kwistjoni li nstabet u din kienet giet esebita fl-atti ta' dik l-inkjesta.

Tghid illi skond l-informazzjoni li kien taha s-sur Pullicino kien gie mahsub li din hi l-istess arma li intuzat f'dan l-incident pero' mistoqsija jekk effettivament sarux xi comparisons, tghid illi sa issa kienu ghadhom ma sarux . Tghid illi in segwitu giet infurmata wkoll illi Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kien ghamel xi rapport l-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fejn allega li rcieva xi telefonata fejn Bouslama kien habbar l-involviment tieghu f'dan il-kaz.

Tghid illi hu minnu wkoll li l-persuna ta' Said Bouslama hija maghrufa maghhom fil-korp tal-Pulizija. Tghid illi l-imputat odjern kif ukoll Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi qalulha li Bouslama kellu diversi kawzi tal-Pulizija dwar affarijiet li kienu sehhew fil-passat. Tghid li huwa minnu li effettivament Bouslama kellu diversi inkontri mal-Pulizija kif effettivament jirrizulta mill-fedina penali tieghu . Tghid illi dan kellu ammont ta' kawzi kif ukoll fis-Seduta tad-Distrett tal-Qawra, il-maggor parti fuq glied u tghid li fil-prezent jinsab ghaddej proceduri kriminali ohrajn u fost il-kundizzjonijiet li nghata meta kien inghata l-bail, huwa li ghandu jiffirma gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra.

**Mary Tanti** xehdet fil-15 ta' Ottubru, 2010 in rapprezentanza tad-dipartiment tal-ID cards. Tghid illi giet mitluba biex taghmel ricerka rigwardanti karta ta' l-identita' numru 23663A. Spjegat li din tghajjat lill-persuna ta' Nure Kamakam u tikkonferma li kien applika ghal din il-karta ta identita fil-25 ta' Settembru 2001, u l-indirizz tieghu dak iz-zmien kien 1, Triq Inguanez, Rabat, Malta. Imbaghad fid-29 ta' Marzu 2004 Nure Kamakam kien bidel l-indirizz tieghu u minflok ta l-indirizz il-gdid li kien 'Costa Azzura' Flat 3, Triq Emanuel Pinto, San Pawl il-Bahar. Tghid illi fl-24 ta' Frar 2009 Nure Kamakam ta indirizz iehor li hu 32 Triq Sir Luigi Preziosi San Pawl il-bahar. Hija esebiet dokumentazzjoni relevanti fuq dak li xehdet illum u din giet esebita u markata dok **MTD 1**. Hija gharfet l-imputat odjern bhal l-persuna murija fir-ritratt tal karta ta' identita. Tghid illi minn verifiki li ghamlet ma jirrizultax illi Nure Kamakam kien ghamel xi talba biex izid ma l-ID card xi nazzjonalita ohra. Tghid illi l-informazzjoni li ghandhom jindika li in nazzjonalita tieghu hi Libjana. Tghid illi huma m'ghandhom informazzjoni ohra dwar il-familja ta' l-imputat.

Fuq domanda tad-difiza mistoqsija kemm kien ilu Malta Nure Kamakam tghid illi mhix f'posizjoni li twiegeb. Tista tikkonferma biss li l-ewwel darba li mar japplika ghall-karta ta' identita kien fil-25 ta' Settembru, 2001.

**Ahmed Mohammed Mustapha Alouzi** xehed fis-26 ta' Novembru, 2010 u kkonferma li effettivament il-Pulizija kienet baghtet ghalih dwar dan l-incident li kien sehh gewwa Mosta road, San Pawl il-Bahar f'Ottubru ta'

2010. Jghid illi effettivament dakinhar ta' l-1 ta' Ottubru, 2010 f'xi hin fil-ghaxija kien l-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u hadilhom xi karti dwar il-Qorti li ghandu mal-mara. Jghid illi hu halla l-karozza tieghu hemmhekk u kien sejjer ghand il-hairdresser ta' San Pawl li jismu Sammy li huwa vicin ta' Giormina, Mosta road, St. Paul's Bay. Jghid illi meta kien sejjer bil-mixi kienu qed isirulu xi telefonati pero' ma jafx it-telephone u allura ma rrispondix.

Jghid li wara ftit ghelbitu l-kurzita' u ried jara min kien li cempilu u kien kelmu Bouslama. Jghid illi lil Bouslama huwa jafu min wiccu. Mistoqsi kif gharfu jghid illi hu kien saqsih min hu, dan kien qallu li hu Said it-Tunezin it-twil u hu gharfu. Jghid illi effetivament hu kellu jiehu xi flus minghand xi wiehed San Pawl u kien sejjer 'l hemm u hekk qallu. Jghid illi x'hin dahal fejn ta' Giormina sabu hemmhekk ipparkjat u kien persuna ohra mieghu. Mistoqsi mill-Qorti min kienet il-pesuna l-ohra jghid li ma jafx u jghid li qatt ma kien rah qabel . Jghid illi huwa qallu biex imur hdejh ha jkellmu u beda jghajjat u anke joffendih. Jghid illi meta hu wiegbu lura dan hareg l-arma u ippontaha lejh, kien barra mill-karozza dak il-hin.

Ipponta l-arma lejh u qabdu mill-flok u qallu inti mieghi ma titkessahx. Jghid illi l-arma kienet xi senter maqtugh u li kellha zewg kanen u dan jafu ghaliex kien poggijielu ma wiccu. Jghid illi ma jiftakarx x'arma kienet imma kienet soda zgur. Jghid illi Nure Kamakam l-imputat kien ghaddej minn hemm dak il-hin, kien gej minn fejn il-hanut tal-hut.

Jghid illi l-imputat lilu ma kellmux u mar ikellem lil Bouslama biex inehhi dik l-arma minn idu, u dan jghid illi jafu ghaliex semghu hu stess. Jghid illi

Bouslama dar lejn l-imputat u qallu biex jitlaq ‘l hemm u dan ippuntalu l-arma wkoll. Jghid illi hu ra lil imputat u lil Bouslama jitkellmu u resaq lura. Imbaghad ra lil imputat jirkeb fil-karozza x’hin haseb li kien ser jitlaq, dan dar bil-karozza u ta’ daqqa ta’ karozza lil Bouslama.

Jghid illi wara li tah id-daqqa l-persuna l-ohra li kien hemm ma Bouslama ma dehritx aktar. Jghid illi lil imputat hu rah gej normali bil-karozza tigri imma mhux hafna. Jghid illi l-imputat ta daqqa ta’ karozza bil-genb lil Bouslama u Bouslama tar fuq il-*windscreen* tal-karozza. Jghid illi t-triq hija *one way* u l-imputat ma dahalx fit-triq ghaliex huma kienu fil-kantuniera hdejn it-*travel agency*.

Jghid illi hu m’ghandux jghati flus lil Bouslama u ma jafx kif dan kien qieghed jippretendihom minghandu. Anzi hu ghandu jiehu flus minghand wiehed Tunezin minn San Pawl li dejjem icempilu u qatt ma jirispondih. Jghid illi dakinhar ta’ l-incident hu kien bghat lil dan it-Tunezin u qallu li kien ser jigi ghal flus. Jghid illi meta cempilu Bouslama hu kien qallu biss, li sejjer hdejn il-bank ta’ San Pawl il-bahar u meta mar hdejn Bouslama jsib li dan it-Tunezin hdejn il-bank.

Jghid illi wara li gara dan it-Tunezin kien hadlu l-flus. Jghid illi dawn il-flus kien ilu jistennihom xi erba’ xhur u li dan it-Tunezin fl-ebda hin ma harab min fuq il-post u kien hu li cempel lil Pulizija. Jghid illi hadd ma ried icempel lil pulizija u l-imputat beda jghajjat biex icemplu lil pulizija. Jghid ukoll li dan l-ahhar Bouslama kien cempilu biex jghidlu li kien ser joqtlu.

Jghid illi hu kien mar l-ghassa jaghmel rapport u l-ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl u ghamel rapport bin-numru 6A/N/3701/10. Huwa esebixxa dan ir-rapport li gie markat bhala Dok. **Z**. Jghid illi kien hemm diversi nies li kienu qalulu biex joqghod attent min Bouslama. Jghid illi r-rapport ghamlu lejliet li rcieva t-telefonata u mar l-Ghassa ta' San Giljan u dawn bghatuh l-Ghassa ta' San Pawl.

**PC616 Russell Spiteri** xehed fil-5 ta' Jannar, 2011. Jghid li qieghed jigi muri stqarrija li tinsab esebita fl-atti minn fol 5 sa fol 7 tal-process u jghid li dik hija l-istqarrija datata tnejn (2) t'Ottubru 2010. Jikkonferma li hu kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija. Jikkonferma li l-imputat Nure Kamakam li qieghed jgharaf prezenti fl-Awla kien rrilaxxja din l-istqarrija b' mod volontarju u wara li inghata twissija skond il-Ligi.

Jghid illi qieghed jgharaf il-firma tieghu, l-firma ta' l-ispettur Therese Sciberras kif ukoll dik ta' l-imputat Nure Kamakam li ghazel li jiffirma din l-istqarrija.

**Stephen Cachia** xehed fil-5 ta' Jannar, 2011 in rappresentanza ta' Transport Malta u jghid li kien gie mitlub mill-Pulizija biex jixhed dwar vettura tal-Marka Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni JAC 776 u jghid illi bhala rapprezentant ta' Transport Malta personalment ghamel il-verifiki u jirrizulta illi din il-vettura hija registrata fuq isem Nure Kamakam bil-karta ta' l-identita' numru 23663A u ilha hekk registrata mis-6 ta' Lulju ta' 2010.

**PS 1586 Ronnie Attard** xehed fit-23 ta' Marzu, 2011. Jghid illi fl-1 t'Ottubru 2010 ghall-habta tad-9:00 ta' fil-ghaxija gew infurmati li kien hemm argument li kien ghaddej gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar u f'dan ir-rapport inghad li l-persuna x'aktarx kienet armata. Jghid illi huma marru mill-ewwel fuq il-post. Jghid illi hemmhekk raw korazza Seat Ibiza ta' kulur ahmar bin-numru ta' registrazzjoni JAC 776. Il-vettura kienet qieghda fuq il-bankina u l-*windscreen* taghha kien imkisser.

Ftit 'il boghod kien hemm Bouslama miksi bid-demm u bi griehi f'saqajh. Jghid illi din il-persuna kienet Said Bouslama, li dak il-hin kien qal li mar jixtri minghand Giormina u meta hareg ircieva telefonata minghand wiehed li kellu jghatih €70 euro u din il-persuna staqsitu fejn kien. Jghid illi kif hareg mill-hanut sab lil din l-istess persuna Ahmed u dan mar ikellmu, ftit wara kien hemm il-vettura JAC 776 u is-sewweiq taghha din ghajtitlu.

Jghid illi inkwantu ghal Nure Kamakam li qed jgharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla dan kien sid il-vettura u x-xufier tal-vettura.

Jghid illi tkellem ma Nure Kamakam u dan qallu li hu kien ghaddej mit-triq in kwistjoni u f'hin minnhom ra ragel jaghmel arma ma ras ragel iehor. L-imputat qal li hu mar fejn dan ir-ragel biex jitrangaw l-affarijiet u li dan ir-ragel li kien armat dawwar l-arma lejh. L-imputat Kamakam zied jghid illi huwa mbaghad telaq bil-karozza, mar biex idawwar hdejn Azzopardi tal-hut u fil-fatt dawwar u tajjar lil dan ir-ragel. Jghid illi mill-verifiki li ghamel jghid illi l-imputat kien jaf lil Ahmed ghal dawn l-ahhar 8 snin. Jghid illi hu meta wasal fuq il-post innota li l-vettura kienet qeda

wieqfa fuq ic-*central strip* u jghid fil-fatt nofs il-vettura kienet imtella fuq ic-*central strip* u bil-*windscreen imkisser*.

Jghid illi fejn instabet il-vettura kien hemm zewg tabelli li juru *no entry* u ghalhekk il-vettura mhux suppost kienet qieghda fejn sabuha. Jghid ukoll illi mal-karozza kien hemm it-ticpis tad-demm.

Huwa pprezenta l-okkorrenza li hu ghamel u li giet immarkata bhala Dok. **RAP 1.**

Fuq domanda li saritlu mid-difiza fir-rigward min ghamel it-telefonata li kien rcieva jew kif kien gie nfurmat li kien hemm xi persuna armata jghid illi ma jafx min kien ghamel it-telefonata. Jghid illi mit-tfittxija illi ghamlu fuq il-post sabu tlett bicciet injamiet illi presumabilment dawn jiffurmaw *handgrip* ta' arma. Jghid illi kien Nure Kamakam biss li kien semmielu illi Bouslama kien armat dakinhar fil-ghaxija. Jghid illi Bouslama mieghu kien innega li huwa kellu xi arma fuqu dak il-lejl. Jghid illi ghal fini ta' precizjoni hu kien ha lil Ahmed u lil imputat l-ghassa pero' hu kien kellem lill-imputat lill-Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kienet kelmitu l-Ispettur Therese Sciberras.

**PS 675 David Sciberras** xehed fit-23 ta' Marzu, 2011 u jispjega illi fl-1 t'Ottubru 2010, kien qieghed *night watch duty* gewwa l-ghassa tal-Qawra. Jghid illi ghall-habta ta' xi 8.55 ta' fil-ghaxija ircevew telefonata mill-kwartieri Generali tal-Pulizija fejn gew infurmati li faccata ta' Giormina Bakery u precizament in-naha opposta ta' din l-bakery, kienet

ghaddejja glieda u li f'din il-glieda kienet involuta persuna li kienet armata. Jghid illi hu flimkien ma PS 1586 marru fuq il-post fejn hemm sabu lil imputat li qieghed jgharfu prezenti fl-Awla flimkien ma persuna ohra li kienet diga giet arrestata mill-membri tal-mobile.

Jghid illi din il-persuna l-ohra kienet certu Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi. Jghid illi fuq *central strip*, liema *central strip* tidividi l-main road min triq sekondarja, kien hemm vettura Seat Ibiza ta' lewn ahmar b'numru tar-registrazzjoni JAC776 u din kienet nofsha fuq ic-*central strip* u nofsa fit-triq. Jghid illi din il-vettura kellha l-*windscreen* ta' quddiem imkisser quddiem il-vettura kien hemm certu Said Bouslama li kellu feriti gravi evidenti f'saqajh u kien qieghed iserrah ma bollard. Jghid illi dan Bouslama kellu diversi ghadam jisporgu minn gewwa saqajh u kellu hafna demm. Jghid illi fuq il-vettura JAC 776 jidirlhu li kien xi hemm xi demm u dan kien fuq n-naha ta' quddiem tal-vettura.

Jghid illi mbaghad peress li dan Said Bouslama kien mugugh, huma meddewh ma' l-art u qaghdu jkomplu mieghu sakemm giet l-ambulanza. Jghid illi cirka distanza ta' 10 metri minn fejn kien ferut Bouslama u gewwa triq sekondarja, sabu tlett bicciet ta' l-injam li x'aktarx jappartjenu lil *handgrip* ta' arma tan-nar. Jghid illi huma fittxew ghall-arma ta nar f'dik il-parti taht il-karozzi kollha pero' r-rizultat kien wiehed negattiv .

Jghid illi hu flimkien ma PS 1586 kienu ghamlu search gewwa vettura b'numru tar-registrazzjoni FBO 502 li kienet ta' l-ghamla Mitsubishi Pajero ta' kulur blu li tappartjeni lil Bouslama fuq is-seat ta' wara sabu

sejf zghir. Jghid illi huma mbaghad iccirkondaw l-*area* kollha ta' l-incident u stennew l-esperti tal-Qorti biex jigu u jsir ix-xoghol forensiku.

Jghid illi in kwantu ghall-bicciet ta' l-injam li huma sabu u li xehedt dwarhom, kien gie jelevhom il-Brigadier Maurice Calleja li kien gie nominat bhala espert tal-Qorti tal-ballistics. Huwa gharaf lill-imputat Nure Kamakam fl-Awla.

In kontro-ezami jikkonferma li ma hax sehem fl-investigazzjonijiet, fis-sens illi ma tkellimx mal-persuna u konsegwentement jghid illi l-imputat ma kienx kellmu.

**Said Bouslama** xehed fit-3 ta' Gunju, 2011. Jghid illi s-sena l-ohra hu kien qieghed ma spettur tas-CID u kellu habib iehor  u kienu hdejn id-dar fejn joqghod hu f'San Pawl il-Bahar. Jghid illi kellu telefonata minn ghand habib biex imorru jieklu u qall wkoll lill-habib  tieghu biex imur johodlu l-hobz. Jghid illi hu kellu jmur jiffirma l-ghassa u ghalhekk hu u sejjer kien ser jmur jixtri l-hobz. Jghid illi sadanittant wasal Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi hdejh u dan Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kellu jiltaqa' mieghu biex ihallsu u jaghtih l-affarijiet tieghu li hu kien halla mieghu.

Jghid illi huwa qabad u ha l-affarijiet pero' flus ma tahx, dak il-hin imbaghad tajritu karozza minn wara, jghid illi l-imputat illi qed jgharfu prezenti fl-Awla kien gewwa il-karozza u kien qieghed warajh. Jghid illi l-imputat li kien saq il-karozza ghal go fih. Jghid illi wara li tajru l-imputat

mar hdejh u hu pprova jqum halli jara wiccu sew. Jghid illi qabel kien gie imtajjar bil-karozza hu kien qieghed jiehu Kafe’ id-dar tieghu.

Jghid illi dak illi kien impjega lil Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi lilu kien tah telephone number li suppost kellu jkun ta’ Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi u cioe’ dak li lilu kellu jhallsu u bi zball kien tah it-telephone ta’ l-imputat in-numru huwa kwazi l-istess. Jghid li ghalhekk kien cempel lill-impua bi zbal .Jghid illi min irisponda t-telefon kien staqsih minn kien u qal li hu Said Bouslama waqt liindirizza lill-imputa bl-isem ta Ahmed ghaleix min ghalih kien qed icempel lil Ahmed u ghalhekk kien talbu il-flus lura. L-imputat kien qallu li hu mhux Ahmed u qallu biex ma jergax icempillu.

Jghid illi dak il-hin kien hemm persuna hdejh li kienet qaltlu li n-numru li kien tah bi zbal kien ta’ Nure. Jghid illi qabel dan l-incident lil Nure kien rah f’xi zewg okkazzjonijiet. Jghid illi hu ma kienx jafu lill-imputat u qatt ma kien kelmu u l-anqas l-imputat ma qatt kellem lilu.

Jghid illi qabel ma gie mtajjar mill-imputat hareg ragel mill-karozza ta’ l-imputat u qallu inti Said u hu irisponda iva. Hu saqsih min hu u hu qallu jiena habib ta’ Said. Hu staqsihom jekk Alouzi kienx sejjer ihallsu, dan qallu iva li kien sejjer u li kien mar sal-forn.

Jghid illi hu ghaddielu l-basket bl-affarijiet lil Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi imma l-flus ma tahomlux. Jghid illi sakem tah il-baskett

lil dan ma rahx iktar. Jghid illi mbaghad gie mtajjar bil-karozza. Jghid illi l-imputat nizel mill-karozza u beda jghid '*il-lallu x'ghamilt*'.

Jghid illi l-persuni li kienu ma l-imputat fethu l-karozza u hargu zewgt iskieken u mus. Jghid illi  kif hu kien fl-art Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi qabad il-baskett li kien tah u ramieh hdejh, jghid illi hu mbaghad storda. Jghid illi bid-daqqa li qala kisser il-*windscreen* tal-karozza u spicca l-isptar.

Jghid illi saqajh kienet imdendla mill-gilda. Jghid illi fit-tlettax ta' Mejju 2011 sal-14 ta' Mejju 2011 kellu jaghmel operazzjoni minhabba l-griehi li ghandu u jghid fil-fatt ghandu appuntament ghal operazzjoni ohra. Jghid illi kellu wara rasu kien maqsum, ghamel 27 gurnata  bl-ilma ta' mohhu imcaqlaq, kellu ksur  fuq idejh tax-xellug,  jghid li precizament it-tabib qallu li din hija mxaqqa u ghalhekk kellu joqghod 27 gurnata sabiex jidrenjawlu mohhu, siequ l-leminija miksura u kienet qed izzomm mill-gilda biss. Huwa esebixxa tlett ritratti bil-kulur li gibidhom hu stess bil-mobile illi juru l-griehi li huwa sofra  u li dawn gew esebiti u mmarkati rispettivament bhala **DOK SB 1, DOK SB 2 u DOK SB 3.** Jghid illi xahrejn ohra jaf ser ikollu jaghmel operazzjoni izda ma jafx x'ser isir u jghid illi min wara l-incident qatt mhu ser jerga' jkun kif kien.

Jghid illi l-persuna li kienet taghtu t-telephone number li suppost kellu jkun ta' Alouzi imma bi zball spicca tah n-numru ta' Nure jista jkun jismu Salem izda mhux cert u jghid illi bhala nazzjonalita huwa Libjan u jghid li

dan lest li jitla' jixhed f'dawn il-proceduri. Jghid ukoll illi din il-persuna dejjem tkun fl-akwati ta' San Pawl. Jghid illi hemm hekk kien hemm xi tmitnax- il-persuna, jghid li kien hemm minnhom hbieb ta' l-imputat imma mhux kollha.

Jghid illi r-ragel li niezel mill-karozza ta' l-imputat hu ma jafux u lanqas mhu min dawk l-akwati ghaliex kieku kien jgharfu, izda l-accent tieghu kien ta' wiehed Libjan. Jghid illi wara dan l-incident hu ma rahx. Izda meta hareg mill-isptar gieli rah San Pawl u gieli kien fil-kumpanija ta' l-imputat ukoll.

Jghid illi lil dan Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi l-ewwel silfu ghoxrin euro pero' kien tahomlu, imbaghad kien silfu hamsa u ghoxrin euro u ma kienx taghhomlu. Jghid illi darba anka lit-tifla ha mieghu ghax ma kellux jiekol u kien qallu biex jisilfu l-flus, hu sarraf hamsin euro u tah 30 euro, bhala plegg hu kien tah ukoll xi affarijiet.

Jghid illi dan ghad fadal jatih 55 euro. Jghid illi meta l-Pulizija fitxew fil-karozza tieghu sabulu sejf, jghid illi Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kien ghaddielu bhala plegg senter. Jghid illi il-garbage bag bis-senter go fih li instabfil-karozzza tieghu kien dam ghandu sitt xhur u dan Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kien ilu xi sitt xhur jghidlu li ser ihallsu u ma jhallsu qatt. Jghid illi sa meta itajjar bil-karozza l-basket kien ilu ghandu xi gimgha jew gimgha u nofs. Jghid illi hu kien mar bil-kelma t-tajba jkellem lil Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi u mhux biex jiggieled.

Jghid illi kemm dam ghandu l-garbage bag bis-senter go fih dan is-senter qatt ma hargu mill-garbage bag. Jghid illi dak inhar kull ma ghamel kien li fetah il-garbage bag biex jurih x'fiha. Jghid illi mistoqsi kif spicca s-senter bicciet mal-art u l-bqija l-bahar, jghid illi ghandha nsaqsu lil imputat kif spicca s-senter. Jghid illi mhux minnu li hu ippunta dan is-senter lejn in-nies u li dak inhar hu ma kienx armat, hu kull ma kellu kien is-senter go garbage bag.

**Robert Bugeja** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012. Jghid illi ghan-nom ir-registratur tal-Qrati esebixxa Process Verbal redatt mill-Magistrat Anzjan Dr. Silvio Meli illum Imhallef dwar inkjesta dwar feriment b'karozza ta' certu Said Bouslama li sehhet f' Mosta Road, San Pawl il-Bahar ghall-habta tad-9:00 ta' fil-ghaxija nhar il-Gimgha l-ewwel ta' Ottubru tas-sena 2010 li sar rapport verbali dwaru nhar l-1 ta' Ottubru 2010. Flimkien ma dan il-Process Verbal esebixxa Nota ta' l-Avukat Generali kif ukoll nota tal-Kummissarju tal-Pulizija li ikoll qeghdin jigu esebiti u mmarkati bhala **DOK. RB1.**

**Robert Bugeja rega** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012. Ghamel referenza ghall-Process Verbal li esebixxa bhala **DOK. RB1** u ghamel kjarifika fis-sens illi fejn qal illi l-Process Verbal kien redatt mill- Magistrat illum Imhallef Silvio Meli, li gara kien li bdih il-Magistrat Inkwirenti, l-inkjesta kienet bdiet mill-Magistrat Dr. Silvio Meli pero' l-Process Verbal imbaghad gie maghluq mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale.

**PC 1261 Charles Pace** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012. Jghid illi in ezekuzzjoni ta' l-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Silvio Meli f'inkjesta li mbaghad giet konkluza mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale li l-Porcess Verbal taghha jinsab esebit bhala **DOK. RB1.** Huwa gharaf ir-relazzjoni tieghu li kien ippresenta fl-atti tal-inkjesta u li hi markata bhala **DOK. CP1**. Huwa esebixxa faxxikolu iehor konsistenti f'numru ta' ritratti relatati u lifters li gew immarkati bhala **DOK CP2**.(fol. 229)

**PS 122 Arthur Borg** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012 u ghamle referenza ghal process verbal esebit fl-atti u markat bhala dok RB1 a fol. 224 u kkonferma r-relazzjoni tieghu dok AB hemm konenuta konsistenti fi tlieta u sittin ritratt u kkonferma li dawn gew mehuda minnu.

**PC122 Arthur Borg rega** xehed fil-21 ta' Ottubru, 2013 u pprezenta ir -rapport tieghu li gie markat bhala **DOK.BS1. (fol. 274)**

**Dr. Alan Drago MD** xehed fis-27 ta' Frar, 2013 u kkonferma d- **DOK SP2** li jinsab a fol 23 tal-process, u jghid illi dan ic-certifikat gie mahrug minnu wara li kien ra il-pazjent Said Bouslama fl-1 t' Ottubru 2010. Jghid illi kien rah dakinhar fl-ghaxra u kwart ta' filghaxja fid-dipartiment ta' l-Emergenza ta' l-isptar Mater Dei. Jghid illi c-certifikat jindika li dan kellu ksur tas-sieq tal-lemin l-ghadma maghrufa bhala t-*tibia* u dan il-ksur kien miftuh, kien hemm pernetrazzjoni tal-gilda li kienet tikkonumika direttament mal-ksur. Jghid ukoll illi iccertifika li kellu gundella f'rasu fuq in-nahha tal-lemin ukoll. Jghid illi n-natura ta' dawn il-griehi hija *gravi per natura*.

**Brigadier Maurice Calleja u PS602 Jonathan Attard** xehdu fit-8 ta' Jannar, 2014 u kkonfermaw ir-relazzjoni taghhom li giet li tinsab esebita a fol. 155 et sequitur. Illi minn ezami tar-relazzjoni taghhom jirrizulta s-segwenti:-

"**a.** *L-arma li instabet fil-bahar hija senter tal-kacca tat-tip over and under, kalibru 12 gauge bil-manku u l-kanen isserrati u li ghandu n-numru tar-registrazzjoni imhassar .*

**b.***Illi l-bicciet tal-injam li ghandu niqsin il-manku u l-paletta kienu instabu f'San Pawil il Bahar wara incident tat-traffiku, Dawn l-espoenti kien diga irreleva dwarhom quddiem il-Magistrat Dr Silvio Meli.*

***c.*** *Dawn il-bicciet injam li instab f'San Pawl il-Bahar wara incident tat-traffiku kienu jappartjenu ghas-senter li instab fil-bahar fis-17 ta Ottubru 2010.*"

**Perit Richard Aquilina** xehed fit- 8 ta' Jannar, 2014 u kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol. 76 tal-proces verbal markat RB1 (fol. 224) liema relazzjoni hija markata bhala **DOK. RA** Huwa ikkonferma l-kontenut taghha u jghid illi m'ghandu xejn xi jzied mal-kontenut taghha . Minn esami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta sabiex wara li jikkomunika ma Said Bouslama jiftah *safe* li instab fil-vettura ta Buslama pero jghid li dan Bouslama ma kkooperax mieghu u ghalhekk kellu jisgassa is-*safe*. Una volta is-safe infetah ma instab xejn fih.

**PS602 Jonathan Attard** xehed fis-6 ta’ Gunju, 2014. Jghid illi kien gie nominat flimkien mall-Espert Balistiku, Brigadier Maurice Calleja fl-Atti tal-Inkjesta dwar sejba tas-senter tal-kacca f’qiegh il-bahar taht id-Dolmen Hotel, Bugibba u dan kien nhar is-17 t’ Ottubru 2010.

Huwa gharaf ir-relazzjoni tieghu maghmula ghal dan il-ghan liema relazzjoni tinsab inserita’ fl-atti a Fol. 155 tal-Process.

**PS46 Charlot Casha** xehed fis-6 ta’ Gunju, 2014. Jghid illi kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti allura Dottor. Jaqueline Padovani Grima b’digriet taghha tas-17 t’Ottubru, 2010 u dan fl-Atti tal-Inkjesta dwar sejba ta’ arma tan-nar, senter tad-ditta Beritta u jghid li fil-fatt qed jaghraf ir-relazzjoni tieghu konsistenzi f’numru ta’ ritratti li jinsabu nseriti fl-atti A **Fol. 160** tal-Process.

**Dr. Mario Scerri** xehed fil-15 ta’ Settembru, 2014. Jghid illi kien gie innominat fl-atti tal-inkjesta dwar incident li sehh f’San Pawl il-Bahar nhar l-1 t’Ottubru 2010, fejn garrab xi griehi Said Bouslama. Huwa gharaf ir-relazzjoni tieghu markata bhala dok MS fol. 55 li kienet giet ippresentata fl-atti tal-inkjesta RB1 a fol. 224 tal –proces verbal u jghid illi m’ghandu xejn x’jibdel ma’ dan.

Minn ezami ta’ din ir-relazzjoni jirrizulta li Said Bouslama *kellu a compound fracture* tat-tibia u li gie operat ghaliha. Kellu wkoll haematoma fuq il-qurriegha tieghu.

Dr. Mario Scerri kien ha ukoll ix-xhieda kemm tal-allegat vittma Said Bouslama kif ukoll ta’ l-imputat u dan fi stadju tal-inkjesta.

Said Bouslama bil-gurament tieghu jghid:- *li huwa kien mar jixtri l-hobz minghadn Giormina ghall-habt tat-8.30 jew id-9.00p.m. u kien cempill fuq il-mobile tieghu certu Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi liema ragel ghandu itih xi flus u qallu li huwa kien sejjer hdejh lejn il Giormina sabiex ihalsu s-€70 li kellu itih . Jghid li n-numru tal-mobile phone tieghu huwa 99999633. Jghid li mar hdejh tkelmu u qallu li kien ser ihalsu bin-nifs. Jghid li kien fil-kumpanija ta Zohra u tnejn ohra li jafhom u ighid li it-twil li kien mieghu ma hax parti. Jghid li l-qasir li kien mieghu saq ghal fuqu minn wara waqt li huwa kien qed jiddiskuti ma Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi. Jghid li huwa u Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi ma kienux qed jilletikaw ghalhekk ma jafx ghaliex il qasir ghamel hekk. Jghid li wara li laqtu bil-karozza harbu minn fuq il-post u marru lejn il Giormina. Qal ukoll li l-qasir hareg mill-karozza u beda jffendih u ighajru bl-Gharbi.*

Dr Mario Scerri ha ukoll ix-xhieda ta’ l-imputat u dan wara li tah it-twissija li ma kienx obbligat li iweiegeb ghad-domandi li kiner ser jigu

msitoqsija lilu jekk haseb li setghu jinkriminawh stante dak li kien ser ighid seta jingieb bhala prova kontrih.

*"Jghid li huwa kien bil-karozza tieghu tal-ghamla Seat Ibiza ta' kulur ahmar pero in-numru ta' registrazzjoni ma jiftakrux. Jghid li lil Said Bouslama jafu minn wiccu u li joqghod x'imkien Bugibba. Jghid li kien sejjer ghand Giormina wahdu u ra lil Said Bouslama ftit 'l fuq minn Giormina li kellu senter f'idejh. Ma' dan Bouslama kien hemm persuna ohra li ma jafx x'jisimha anzi jghid li kien hemm zewg persuni ma Said imma is-senter kien f'idejn Said. Ra lil Bouslama jipponta is-senter lejn wiehed u cioe' lejn dik il-persuna li kienet arestat isfel. Kienu hdejn il-hanut Giormina fuq in-naha l-ohra tat-triq. Dawwar il-karrozza u mar hdejhom u kellem lil Bouslama u qallu biex inehhi is-senter minn idejh u biex ibezzew qallu li hafna puilzija ighaddu minn hemm. Ghamilu s-senter ma rasu u qallu biex isuq ghax itajjarlu rasu. Saq kemm kemm, dawwar il-karozza f'nofs ta triq u saq minn warajh ghal fuqu. Fil-fatt ighid li wara li tajru baqa' fuq il-post sakemm marru il-pulizija u l-ambulanza. Jghid li ma kienx hu li cempel l-ambulanza. Jaf li is-senter waqa' ma l-art u ma jaf xejn aktar. Wara l-incident ma tkellimx ma' dawn il-persuni."*

L-imputat kien ukoll irrilaxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni minghajr ma kellem lill-avukat u dan  nhar it-2 ta' Ottubru 2010 liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 5.

Jghid li hwua veru li nhar l-1 ta Otturbu 2010 huw akien ghaddej Mosta road San Pawl il Bahar bil-vetura tieghu tal-ghamla Seat Ibiz u laqat rgel

li ma jafx min hu, izda jafu biss min nwiccu. Jghid li kien sejjer lejn il-hanut Giormina jixtri il-hobz u sigaretti. Mistoqsi jekk kellux jiltaq' ma xi had ighid le u msitoqsi jekk laqatx lil dan ir-ragel apposta ighid li iva pero ma xtaqx iweggghu daqshekk.

Jghid li waqt li kien ghaddej ra lil Said Bouslama jipponta senter lejn ras Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi. Mistoqsi min fejn gab is-senter ighid li ma jafx. Huwa waqaf hdejhom u qal lill Bouslama sabiex inehhi is-senter ghaliex kienu ghaddejjin hafna pulizija mill-ekwati. Dan ma hallihx ikelmu aktar u pogga is-senter ma rasu u qallu sbie x jitlaq 'l hemm jew itajjarlu rasu. Jghi dli induna li kien fis-sakra u li kien serju. Jispjega li ma keinx tefa il-karozza u ghalhekk mar ftit il-boghod dawwar il-karozza f'nofs ta triq u mar ghalih. Mistoqsi ghalfejn ghamel hekk ighid li huwa xtaq itajru biex izul min nofs u ighati cans lill-iehor biex jilhaq jahrab ghax hu kien jaqa' ma l-art. Jghid li huwa minnu li sq bis-sahha u dan ghamlu sabeix ma itihx cans idur u ijmur ghalih. Jghid li Bouslama waqa fuq il-windscrren tal-vetura u kisirha. Dak il-hin ma bediex jara u kien imbezza ghalhekk hareg min nwar atal-karozza u resaq 'l hemm. Mistoqsi jekk Bouslama keinx wahdu ighid li kien ma persuna ohra u ighid li ma jafux. Mistoqsi jekk wara l-incident Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kelmux ighid li mhux cert. Mistqosi ghaliex Bouslama ghamel senter na ras Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi ighid li ma jafx. Mistoqsi jekk qattx ra lil Buslama u Ahmed Muhammed Mustapha Alouzijitkelmu ighid li le ma tantx jarhom. Mistoqsi meta kien l-ahhar li ra lil Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi ighid li kien rah fil Moskea ix-xaghar ta qabel.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhedx kif kellu kull dritt jaghmel izda talab lill-prosekuzzjoni tesebixxi l-fedina penali tax-xhud Said Bousalama nhar it-28 ta’ April 2015. L-ufficjal prosekutur esebixxa din il-fedina penali li giet immarkata bhala Dok FP. Minn ezami ta’ din il-fedina penali jirizulta li Bouslama diga kiser dufrejh mal-ligi zgur f’sebgha okkazjonijiet meta instab hati ta’ theddid, ingurji, feriti gravi, hsara volontarja, ksur ta’ paci pubblika, uzu hazin tat-telekomunikazzjoni cellulari u gie kkundannat ammendi u sentenzi ta’ prigunerija sospiza.

Semghet lill-partijiet u cioe’ l-avukat difensur u l-ufficcjal prosekutur jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-28 ta’ April 2015 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet tal-fatti kif graw dik esposta mill-allegat vittma li mhix korroborata minn l-ebda xhud iehor li tghid li l-imputat qabad u saq ghal fuq il-persuna ta’ Said Bouslama bazikament bla raguni ta’ xejn u dik esposta mill-imputat kif korroborata mix-xhud tal-prosekuzzjoni u cioe Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi apparti provi dokumetnarji u forensici ohra li tghid li l-imputat saq ghal fuq il-persuna ta’ Said Bouslama sabiex jiddefendi lill-persuna ta’ Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi mill-aggressjoni ta' Said Bouslama li dak il-hin kellu senter ippuntat lejh.

Ghalhekk m’hemmx dubbju li l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm jinghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputat li gie investigat a tempo vegine tal-investigazzjoni spjega il-fatti u qabel mal-versjoni tal-fatti kif moghtija mix-xhud indipendenti u principali Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi.

Illi ghalhekk m’hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta’ fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex f’pozizzjoni vantaggjuza ghall- Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija m’ghexietx il-process tul medda ta’ zmien u ghalhekk m’hiex f’pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta’ kellu xi xhud f’data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu, kif gieli jigi allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta’ Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker’:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ghalhekk in vista tal-fatt li x-xhieda moghtija mill-imputat a tempo vergine tal-investiazzjoni kif rapportata fl-istqarrija tieghu u dik moghtija mill-allegata vittma ma taqbilx il-Qorti ghandha tghati qies ukoll kull cirkostanza cirkostanzjali li jirrizulta mill-atti.

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, hu veru

wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Parctice*** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal ***Lord Normand*** fil-kaz **Teper v R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference* ."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun** nhar id-disgha ta' Jannar, 1998.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-

ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu il-hati u li l-provi li jigu mressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Illi huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista’ torbot lill-imputat bir-reati addebitati lilu.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et** deciza fis-sitta ta' Mejju, 1961 kien intqal li:

"*il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

F’din il-kawza l-imputat spjega li huwa kien ghaddej minn Mosta Road, San Pawl il-Bahar ghal-habta tat-tmienja u nofs (8.30), id-disgha (9.00) ta’ fil-ghaxija meta ra lil Said Bouslama l-allegat vittma b’senter ippuntat ma’ ragel li rrizulta li kien Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi. Jghid li dak il-hin huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu u mar hdejh sabiex ikellmu u jghidlu sabiex inehhi dak is-senter ghaliex kien hemm hafna pulizija fl-ekwati izda dan nonostante Bouslama qallu biex jitlaq ‘l hemm u ippunta s-senter ma rasu. Jghid li dak il-hin Bouslama kien fis-sakra, deher xurban u deher serju li kien ser itajjarlu rasu. Ghalhekk saq ‘l hemm bil-karozza qal lin-nies icemplu lill-pulizija u rega’ dar u sabiex jipprotegi lil dik il-persuna mill-inkolumnita tieghu, hass li kellu jsuq ghal fuq Buoslama minn wara sabiex itajru u jnehhi is-senter minn idejh u Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi jkollu cans jahrab minn fuq il-post. Jghid li mad-daqqa s-senter waqa’ minn idejh u dan inkiser. Bouslama spicca ferut mal-art u l-persuna li kienet ma’ Bouslama telqet ‘l hemm waqt li hu, Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi u Bouslama li dak il-hin kien ferut baqghu fuq il-post.

Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi jikkonferma din ix-xhieda u jghid li verament Bouslama kien ghamillu senter ma’ rasu u qallu li kien ser itajjarlu rasu u li vera l-imputat kien waqaf bil-vettura tieghu hamra tal-ghamla Seat Ibiza u qal lil Bouslama sabiex inehhi s-senter minn idu u dan qallu biex jitlaq ‘l hemm ghaliex kien ser itajjar ras l-imputat. Jghid ukoll li ma’ Bouslama kien hemm persuna ohra li telqet tigri minn fuq il-post meta sehh l-incident. Jghid li huwa minnu li l-imputat saq ghal fuq Bouslama minn wara u li dan waqa’ fuq il-windscreen tal-vettura tieghu u spicca ferut mal-art. Jghid ukoll li is-senter inkiser mal-waqa’.

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-Ispettur Therese Sciberras li kienet qed tinvestiga l-kaz u qalet li verament kienet irceviet telefonata mill-control room li f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar kien hemm persuna armata u li ntalbet l-assistenza taghhom. Tghid illi mat-triq hija u sejra fuq il-post indikat lilha giet infurmata li din l-istess persuna giet imtajra. Tghid li fuq il-post sabet lill-imputat li minnufih ammetta maghha li kien hu li tajjar lil Bouslama u ta l-istess spjegazzjoni li ta fl-istatement li kien irrilaxja. Hija hadet ukoll il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi u rrizulta li kienu qed jaqblu. Tghid li pero' l-verzjoni moghtija lilha minn Said Bouslama kient differenti u cioe' li huwa gie mtajjar ghal xejn b'xejn.  Ikkonfermat li fuq il-post kien hemm tlett bicciet tal-injam li setghu jappartjenu ghal xi arma.

Illi xehed ukoll **PS 1586 Ronnie Attard** u kkonferma dak li qalet l-ispettur Therese Sciberras stante li kien maghha waqt l-investigazzjoni mizmuma minnha u jghid li dak kollu li rrizultalu huwa mnizzel fl-okkorrenza mmarkata bhala Dok**. RAP 1.** Minn ezami ta' din l-okkorenza jirrizulta li verament kien dahal rapport li persuna kienet armata fi Triq Mosta, San Pawl il-Bahar u li l-istess persuna spiccat feruta u imtajra b'karozza li kienet fuq il-post misjuqa mill-imputat u li kellha l-windscreen miksur.

Xehed ukoll il-Brigadier Maurice Calleja u PS 602 u dawn ikkonfermaw li kienet istabet arma fil-bahar hdejn l-Amazonia l-Qawra u gew mitluba sabiex jezaminaw lilha u t-tlett bicciet ta' injam li nstabu fis-sit fejn sehh l-incident mertu tal-kawza odjerna u kkonfemaw li l-bicciet tal-injam u l-paletta li kienu nstabu f'San Pawl il-Bahar wara ncident tat-traffiku jaqblu ma l-arma li nstabet fil-bahar.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li effetivament Bouslama verament kien armat ftit qabel ma sehh l-incident u huwa in vero simili li jghid li huwa gie mtajjar mill-imputat li jammetti li tajru ghall-ebda raguni ta' xejn. Fil-fatt Buslama lanqas qatt ma jghid li kien armat.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat ta' versjoni korretta tal-fatti ta' dak li gara dak in-nhar tal-incident.

Il-kontestazzjoni ezistenti bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ssib l-isfond taghha meta l-imputat jsostni li huwa ghamel dak li ghamel bhala rizultat ta' self defence filwaqt li l-Prosekuzzjoni tallega li l-imputat aggredixxa lil Sia Bouslama di sua sponte w ikkagunalu feriti ta' natura gravi.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 223 tal-Kap 9** u cioe' "*ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordnata jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor*."

Il-Qorti taghmel referenza ghal zewg sentenzi moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Costantino Borg** deciza nhar it-tlettax ta' Settembru 2001 u **Il-Pulizija v Alfred Briffa** *deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1999*, li minnhom ma dahalx appell, fejn elaborat dwar il-principji ta' legittima difesa. Din il-Qorti kienet sostniet li huwa dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu kif ukoll lil

haddiehor minn xi agressjoni ta' persuna ohra anke jekk hemm bzonn bl-uzu ta' forza. Il-ligi pero' timponi certi kundizzjonijiet sabiex din l-eccezzjoni tigi milqugha. It-theddid irid ikun gust, gravi w inevitabbli.

Fil-fatt, l-Imhallef Harding fis-sentenza tieghu fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard** moghtija nhar il-hdax ta' Novembru 1968 jghid:

*"L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli."*

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom, jikkagjonaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partjiet tal-gisem tad-difensur.

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor.

Il-perikolu irid ikun vicin w attwali. Issa f'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-perikolu kien wiehed f'dak il-mument meta l-imputat ra lil Bouslama b'senter ma' ras haddiehor. Ghalhekk il-perikolu kien attwali. L-imputat jghid li Bouslama kien fis-sakra u meta huwa ttenta jwaqfu min n din l-aggressjoni qallu li kien ser itajjarlu rasu. Jghid ukoll li Bouslama kien fis-sakra u ghalhekk huwa haseb li effetivament kien serju f'dak li kien qed

jghid. B'hekk l-imputat ma hass li kellu jahrab l-aggressur tieghu ghalkemm mhux obbligat li jaghmel hekk. Il-perikolu zgur li kien dak l-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li saret hinijiet qabel ghaliex f'dak il-kaz kien jaghti lok id-difiza ta' provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu zgur li kien assolut cioe f'dak il-mument li kien qed jsehh u ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Hawnhekk it-test irid ikun wiehed soggettiv u cioe' wiehed irid jistaqsi x'setgha ghamel l-imputat f'dik is-sitwazzjoni u mhux x'kien jaghmel hu rinfaccjat b'sitwazzjoni simili.

Fil-fatt **il-Professur Mamo** jghid:

"*The danger against which the accused reached should be viewed not necessarily as it was in truth and infact but rather as the accused saw it at the time*."

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jiwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew*

*offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed isehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Micallef'** (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:

"*Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta' tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha.*"

F'sentenza moghtija mill-**Corte di Cassazione** nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:

"*Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur.*"

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Il-Qorti ghandha tpoggi ruhha nnifisha fil-posizzjoni tal-istat mentali w psikologiku li kien fih l-imputat dakinhar meta agixxa b'dak il-mod, fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument, bezghan mill-aggressur, sorpriz, imweggha u stordut bid-daqqa li qala'. Kienet sitwazzjoni li ma holoqhiex l-imputat, izda holoqha Said Bouslama bl-attitudini w aggressivita tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan li gie enuncjat aktar il fuq jirrizulta li huwa minnu li l-imputat kien konfrontat b'sitwazzjoni fejn kien hemm persuna u cioe' dik tal-vittma li kienet armata b'senter ma' ras persuna ohra u meta mar sabiex jghidlu jnehhi dan is-senter minn idejh ghaliex kien hemm il-pulizija minflok ma' din il-persuna agixxiet b'mod normali u nehhiet is-senter bdiet tghid li kienet ser itajjar ras l-imputat ukoll. Kien ghalhekk li l-imputat haseb serjament li din il-persuna u cioe' l-vittma kienet serja f'dak li kienet ser taghmel u cioe' li tispara lejn individwu. Issir referenza ghal dak li qal fl-ahhar ta l-istatement tieghu l-imputat meta gie mistoqsi ghaliex dehrlu li kellu jtajjar lil Bouslama dan iwiegeb li ghamel hekk mhux ghaliex ried iweggghu b'mod serju izda li tajru min nofs sabiex ma jisparax. Jghid li hu ma kellux intenzjoni li jikkagunalu l-feriti li ssubixxa pero' dawk kienu biss rizultat tal-azzjoni li huwa ha sabiex jiddefendi lil dik il-persuna li dak il-hin kienet qed tigi mhedda b'senter ma rasha.

L-imputat gie akkuzat talli kkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Said Bouslama kif ukoll talli saq b’manjera perikoluza u traskurata u dan meta saq *wrong way* fuq bankina u tajjar bniedem. Jidher li tali azzjoni ma kienitx xi rilzultat ta’ negligenza izda kienet manuvra kalkolata sabiex jevita incident li setgha kellu rizultat dizastruz u cioe’ sabiex jevita sparatura ghal fuq individwu iehor.

Il-Prosekuzzjoni donnha fit-trattazzjoni taghha qalet li l-imputat messu telaq ‘l hemm meta ra l-kundizzjoni tal-vittma u cioe’ li kellu arma f’idejh u li ma kellux ghalfejn jidhol f’din il-kwistjoni peress li ma kienx involut, dwar dan pero’ il-Qorti ma taqbilx in linea ma dak li jghid l-awtur **Carrara** fil-ktieb tieghu **Programma Speciale** meta jghid:

*"i piedi per correre sono fatti per i conigli."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal Gurista Taljan **Giuseppe Maggione** ghal ktieb tieghu **Principio di diritto Penali** Vol 1 pg 183 fejn jghid:

*"l'aggredito non e' tenuto a fuggire non gia perche non puo imparsi la vigliaccheria, ma perche' e' suo dovere lottare per il diritto a reagire al delitto.”*

Illi ghalhekk jirrizulta proprju l-kaz klassiku ta' legittima difesa fid-dawl ta' dak li gie enuncjat aktar 'l fuq. Ma hemmx dubju li c-cirkostanzi kif zviluppaw, graw f'hakka t'ghajn tant u b'mod li kkrejaw f'mohh l-imputat,

biza u paniku u oppressjoni ta' perikolu tali li lahaq stat fejn haseb li jekk ma jiddefendix lil persuna ta' Ahmed Muhammed Mustapha Alouzi kif ukoll il-persuna teighu, kienu ser jispiccaw feruti kemm hu kif ukoll dan Alouzi b'mod serjament stante li mal-vittma ma setghax jirraguna molto piu meta tqis li kien armat.  Ma hemmx dubju li f'dan il-kaz il-periklu attwali gie kkrejat mill-allegat vittma u mhux mill-imputat li ddefenda ruhu minn din l-aggressjoni tant serja. Illi ghalhekk din il-linja difensjonali qed tigi milqugha.

Il-Qorti, rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' dawk citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu u cioe' l-**Artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 218, 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta u tiddeciedi billi tiddikjara li veru l-imputat NURE KAMAKAM kkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Said Bouslama pero' peress li l-imputat agixxa in legittima difesa tieghu ma ssibux hati talli kkaguna ferita gravi u tilliberah minn din l-akkuza u mir-reati l-ohra u tilliberah minnhom ukoll.**

**In vista tas-suespost il-Qorti mhix tapplika fil-konfront ta' l-imputat il-provvediment tal-Artikolu 383, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mitlub mill-Prosekuzzjoni.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------